**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017**

**App. Nru. 488/12 DS**
**App. Nru. 495/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jeffrey Savage**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Jeffrey Savage, detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija numru 289873(M) talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 ta' Jannar 2003, u matul l-aħħar ġimgħat qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (ecstasy) f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganiżżaw jew jiffinanzjaw l-assoċjazzjoni;

b) ikkonsenja mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna oħra li ma kienx spiżjar diriġenti jew ma kienx xort'oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu dik il-mediċina bi ksur tar-regolament 10(2) ta' l-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap. 31 u l-artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985, kif sussegwentement emendati;

c) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

d) biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxy amphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, parti (9) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imsemmi Jeffrey Savage jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Jeffrey Savage ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom u, wara li rat Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tieghu u kkundannatu għal perjodu ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4000); inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern tal-proprjeta', mobbli jew immobbli, tiegħu li tagħħom kien proprjetarju qabel it-28 ta' Jannar 2003 u dana skond it-talba tal-Prosekuzjoni datata 14 ta' Frar 2003. Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, dik il-Qorti ma kkundannatux iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura matul l-inkjesta għax din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. Finalment, ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Jeffrey Savage ppreżentat fl-24 ta' Ottubru 2012 fejn talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ma ġiex misjub ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u li minnhom illiberatu u tirrevokaha kwantu nstab ħati tat-tielet imputazzjoni, billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn din l-imputazzjoni u ħtija skond il-liġi u fil-każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu taħt it-tielet imputazzjoni li tvarja l-piena nflitta għal piena oħra nqas skond il-liġi;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; (b) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat appellat mir-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; iżda (c) tħassarha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; (d) tħassarha f'dik il-parti fejn erogat il-piena ta' tliet snin u sitt xhur priġunerija u multa ta' erbat elef euro (€4000); u minflok (e) issib lill-imputat appellat ħati wkoll tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; (f) tinfliggi kontra tieghu l-piena komplessiva relattiva għas-sejbien ta' ħtija fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet skont il-liġi; (g) u salv dak li ngħad aktar il-fuq, tikkonfermaha fil-kumplament tagħha fejn ipprovdiet il-konsegwenzi naxxenti mis-sejbien tal-ħtija, inkluż il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-imputat kif imsemmi fis-sentenza u l-ordni tad distruzzjoni tad-droga esibita fl-atti.

**5.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tittratta l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra Jeffrey Savage (f'din il-parti tas-sentenza msejjaħ "l-appellat"). L-Avukat Ġenerali jgħid li l-ewwel imputazzjoni hija pruvata grazzi għall-ammissjoni magħmula mill-appellat (allura imputat) fl-istqarrija tiegħu rilaxxjata lill-Pulizija nhar id-29 ta' Jannar 2009, iżda l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet il-konfessjoni tal-appellat reġistrata fl-imsemmija stqarrija meta skartat l-istqarrija peress illi l-appellat ma kienx ingħata żmien jikkonsulta ruħu ma' avukat qabel ma kellem lill-pulizija. L-Avukat Ġenerali jressaq diversi argumenti biex juri li l-istqarrija ma kellhiex tiġi skartata u ssir referenza għar-rikors ta' appell tiegħu f'dar-rigward.

**6.** Effettivament fil-każ in eżami, l-istqarrija li għamel l-appellat fid-29 ta' Jannar 2003 ġiet rilaxxata minnu meta l-liġi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni tal-valur probatorju ta' stqarrija meħuda mingħajr assistenza legali.

Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> **"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**
>
> **"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' <u>Muscat</u>, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**
>
> **"19. Is-sentenza ta' <u>Borg</u> iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' <u>Dimech</u>[1] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**
>
> **"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**
>
> **"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**
>
> **"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**7.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom

[1] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**8.** Fil-każ in eżami, l-appellat ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma ngħata aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huwa b'hekk irrilaxxja stqarrija mingħajr tali assistenza.

**9.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellat ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**10.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[2] Konsegwentement l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali sabiex l-istqarrija tiġi ammessa qiegħed jiġi miċħud.

**11.** It-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda t-tieni imputazzjoni fejn jgħid li ma jikkondividix il-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti peress li meta tiġi analiżżata x-xiehda ta' Anthony Portelli u ta' Glen Gorman, wieħed isib li dawn jaqblu perfettament li d-droga *ecstasy* kienet ġiet akkwistata mingħand l-imputat appellat direttament. Anzi jtennu li ma kinitx l-uniku darba li xtraw mingħandu u li kienu xtraw qabel mingħandu wkoll. L-Avukat Ġenerali jkompli jsostni:

> "Anzi l-esponent jirrileva li hija ferm stramba kif, is-suppost *controlled delivery* li kellha ssir ħdejn il-Magic Kiosk ta' droga cannabis li 'xi Ingliżi li kien jafhom huwa li kellhom xi ammont ta' haxixa li xtaqu jbiegħuha...' Din hija silta mid-deposizzjoni tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison a fol 18. Jirriżulta li l-qabda tad-droga li dawn suppost riedu jbiegħu kienet cannabis li l-piż tagħha kien madwar erbgħin gramma.
>
> "Wieħed irid jinnota d-differenza li hemm bejn is-sejba ta' droga magħmula mill-Pulizija fuq il-persuna tal-imputat appellat għal dik is-sejba ta' droga li suppost kellha tiġi konsenjata lill-imputat appellat.
>
> "Fil-mument tal-arrest u għalhekk meta suppost id-droga kellha tiġi konsenjata Anthony Portelli ma nstabitx droga fuqu – fil-fatt instabet xi droga fil-kamra 309 fir-Regent Hotel fejn kien qed jirrisjedi Portelli dak iż-żmien – u nstabu 35 pillola

[2] Ara The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor, 1 ta' Diċembru 2016.

*ecstasy* u bejn ħamsa u tletin u erbgħin gramma cannabis. Portelli jgħid li kienu xtrawhom hu u Glen Gorman xi erbat ijiem qabel kienu gew arrestati minghand l-imputat appellat u halsuh Lm165 għall-ħaxixa u għall-pilloli *ecstasy*.

"Fil-mument tal-arrest ta' Glen Gorman il-Pulizija ma sabux droga fuq Glen Gorman; mill-karozza li kien qed isuq sabu nofs *joint* u fil-kamra tal-hotel fejn kien qed jirrisjedi ma sabu xejn. Anzi Gorman jgħabbi lilu nnifsu bis-salib tar-responsabbilta` meta jixhed li d-droga li nstabet fil-kamra ta' Anthony Portelli kienet tiegħu ukoll u jaqbel perfettament ma' Anthony Portelli li din id-droga (14-il pillola *ecstasy* u l-haxixa) kienet inxtrat mingħand l-imputat appellat għall-prezz ta' Lm160 – Lm165. Jikkonferma li kien xtara diversi drabi droga mingħand l-imputat appellat. L-ironija tkompli tikber meta jiġi kkunsidrat li l-istess Portelli u Gorman jikkonfermaw li dik id-droga kienu akkwistawha mingħand l-imputat appellat u kienu ltaqgħu miegħu f'kuntest fejn huma jtennu li kien għad għandhom iħalsuh il-flus u meta marru jiltaqgħu miegħu kienu marru għalbiex iħalsuh id-differenza tal-prezz li kellhom iħalsuh. Fil-fatt ma nstabux kwantitajiet ta' droga fuq il-persuna tagħhom fil-mument tal-arrest – kif wieħed kien jistenna meta tkun ser issir konsenja ta' droga – bħal kif fil-fatt kien inqabad l-istess imputat appellat meta kien sejjer jikkonsenja d-droga *ecstasy* huwa stess fil-Lukanda Radisson!

"Fl-umli fehma tal-esponent ix-xiehda ta' Portelli u Gorman hija xiehda li hija ammissibbli skont il-ligi, hija xiehda kredibbli, hija sorretta mill-provi u ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li l-verżjoni tagħhom hija verosimili u in sintonija mal-attivita` li kien iwettaq l-imputat appellat dak iż-żmien u li waqt l-eżekuzzjoni tagħha huwa ġie minsub u maqbud *in flagrante* mill-Pulizija."

**12.** Min-naħa l-oħra Jeffrey Savage fl-appell tiegħu jsostni li x-xiehda ta' Portelli u Gorman hi inammissibbli. Huwa jgħid:

"Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, jidher li dina l-Qorti ghamlet applikazzjoni inkorretta tal-ligi stante interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.

"Huwa palesi, li l-proceduri kontra dawn iz-zewg persuni kienu ghadhom pendenti kontra taghhom meta huma hadu l-pedana tax-xhieda kontra l-esponent. Huwa palesi ukoll li Gorman u Portelli kienu akkuzati bl-istess delitt li bihom gie akkuzat l-esponent u di piu` kienu ukoll akkuzati bi traffikar ta' cannabis – in segwitu ghar-risultat posittiv li tat il-controlled delivery li ha sehem fiha l-esponenti!

"<u>Ghaldaqstant jemergi li x-xhieda taghhom hija inammissibbli.</u>

"Il-gurisprudenza hija kopjuza in materja. A skans ta' ripetizzjoni u dilungar, l-esponenti sejjer jaghmel riferenza ghas-segwenti:

"'Hu evidenti minn dan il-bran li l-ewwel qorti kkonfondiet zewg regoli: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, u r-regola l-ohra li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-

ohra. Din l-ahhar regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (h) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri***, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; ***Il-Pulizija v. Toni Pisani***, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; ***Il-Maesta` Tieghu r-Rev. Karmenu Vella***, Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; ***The Police v. Alfred W. Luck et***, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara***, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et***, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius***, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u *passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et***, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998). Fil-kaz in dizamina meta xehed Zammit hu kien ghadu ko-akkuzat ma' Farrugia, u ghalhekk id-deposizzjoni tieghu ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti, hlief, naturalment, bhala prova favur jew kontra l-istess Zammit. Ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija ta' Zammit minnu maghmula lill-pulizija japplika, s'intendi, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali.[3]'

"'Kwantu ghal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi u kif ukoll fuq il-buon sens hija cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati.[4]'

"Il-gurisprudenza fuq dan il-punt hija wahda antika fejn addirittura jinsab dibattut kif fuq spjegat fis-sentenzi: ***Rex v Philippo Pace***, 14/11/1890 (Qorti Kriminali), Rex v Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927 (Qorti Kriminali), ***Pulizija v Toni Pisani***, 11/11/1944 (Appell Kriminali) u ***Rex v Karmnu Vella***, 3/12/1947 (Qorti Kriminali)."

**13.** Anthony Portelli u Glen Gorman xehdu fl-Istruttorja qabel ma kienu ġew determinati l-proċeduri kontra tagħhom. Hawn din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia** dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard u fejn kien l-Avukat Ġenerali li eċċepixxa l-inammissibilita` ta' Carmel Attard biex jixhed f'dak l-istadju:

**"L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat**

[3] Il-Pulizija v. *omissis* u Jeremy Farrugia, 23/05,2001 (Appell Kriminali, JGD).
[4] Ir-Repubblika ta' Malta v. Dornenic Zammit et, 31/07/1998 (Appell Superjuri).

**migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**

**" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

**"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

**"Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx."**

**14.** Dak li ntqal fl-imsemmi digriet japplika *mutatis mutandis* fil-każ odjern. Portelli u Gorman ma kinux akkużati fl-istess proċeduri ta' Savage iżda separatament; pero` għandhom jitqiesu almenu bħala kompliċi ta' Savage. Konsegwentement, in vista tal-ġurisprudenza hawn ċitata, inkluż dik ċitata minn Savage, ix-xiehda ta' Portelli u Gorman fl-istadju li ngħatat ma kinitx ammissibbli.

**15.** Għalhekk it-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali qiegħed ukoll jiġi miċħud u dak ta' Jeffrey Savage milqugħ u konsegwentement ix-xiehda ta' Anthony Portelli u dik ta' Glen Gorman qed tiġi skartata. Konsegwentement ukoll din il-Qorti mhijiex se tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni mqajma minn Jeffrey Savage tal-kawtela skond l-artikolu 639(3) tal-Kap. 9.

**16.** Għaldaqstant l-appell ta' l-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud u l-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra l-bqija ta' l-appell ta' Jeffrey Savage (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant Savage").

**17.** L-ewwelnett l-appellant Savage isostni li l-ewwel Qorti kellha taċċetta l-linja difensjonali tal-*coercion*. Huwa jgħid:

> "Illi dana l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Kodici Kriminali permezz tal-artikolu 33(b), jistipula li l-ebda persuna ma ghandha responsabbilita` kriminali jekk dik il-persuna tkun imgieghla b'forza barranija hi ma setghetx tirrezisti ghaliha sabiex taghmel delitt.
>
> "Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt wahdu li l-prosekuzzjoni kkonfermat li x-xhieda tal-esponenti intuzat b'mod sodisfacjenti sabiex jinbdew investigazzjonijiet kontra terzi, (it-tnejn jirrisjedu barra minn Malta), u fl-istess nifs l-istess prosekuzzjoni tuza x-xhieda tal-esponenti sabiex jinbdew proceduri kontra dawn it-terzi; hija l-umli fehma tal-esponenti li bhal ma huwa gie emnut mill-bidu nett mill-prosekuzzjoni fuq dak li qal lilhom fil-konfront tat-terzi, (tant li sahansitra l-*controlled delivery* tat ezitu pozittiv), kif ukoll il-fatt li bis-sahha tax-xhieda tal-esponenti l-proceduri kontra dawn it-terzi taw rizultat tajjeb ghal prosekuzzjoni, l-esponenti umilment jikkontendi li huwa lahaq il-livell tal-prova li ghandha tilhaq id-difiza u ghaldaqstant kellu jigi applikat l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.
>
> "Is-sitwazzjonijiet ta' biza' u theddid li kien soggett ghalihom l-esponenti da parti tat-terz Ingliz, kienu mil-lenti tal-esponenti *life threatening*. Dan it-theddid wassal lill-esponenti sabiex ikun *over-protective* fuq il-membri tal-familja tieghu u "jaghmel affarijiet tal-imgienen"[5].
>
> "Il-biza' li kienet hakmet lill-esponenti, biza' nflitta mit-terzi, kienet tali li minkejja li l-esponenti kien jaf li dawn it-terzi kienu jinsabu arrestati mill-Pulizija wara l-*controlled delivery*, huwa xorta wahda, meta kien taht il-kontroll dirett u allura protett mill-istess Pulizija, xorta wahda kien imbezza' milli jaghti aktar taghrif fuqhom f'dak l-istadju.
>
> "Il-biza' li dawn it-terzi kienu qed jinfliggu fuq l-esponenti kompliet sabiex kabbret l-istat psikiku tal-esponenti, (stat psikiku li 1-esponenti kien fih ferm qabel mhux biss ma nbdew dawn il-proceduri, izda ferm qabel ukoll ma kien soggett ghal forza barranija hawn citata). Stat psikiku li kien wassal sabiex l-esponenti kien qieghed jircievi kura u dana skond ix-xhieda mismugha[6].
>
> "Fl-istat ta' biza' li kien fih l-esponenti qabel ma gie arrestat, il-fatt li huwa kien ghadu kif ghen sabiex jigu arrestati l-persuni li ghamlulu tant hsara psikologika, il-fatt li l-esponenti kien arrestat (esperjenza li huwa qatt ma kien ghadda minnha

[5] Vide f'dan is-sens u in sostenn ta' dan, ix-xiehda ta' Karen Calleja ghal aktar dettalji f'dan ir-rigward, fejn sahansitra l-biza' li l-esponenti kien qed jghix spiccat sabiex mhux biss tinhass mil-membri diretti tal-familja tieghu izda ukoll li dawn l-istess membri jhossuhorn imbezza' ukoll.

[6] Vide x-xiehda ta' Dr. Spiteri et al.

qahel), l-esponenti f'dan l-ocejan ta' hsibijiet u emozzjonijiet konfliggenti, xorta kien ghadu mbezza'. Difficli li persuna li ma tkunx ghaddiet minn esperjenza simili tifhem tali roller-coaster emozzjonali.

"Facli ferm huwa li wiehed ikun *an armchair critic*. Huwa facli ferm li tinstab alternattiva li bih persuna tkun tista' tehles minn forza barranija, meta l-persuna ma tkunx hija l-vittima ta' dik l-istess forza, u dan a bazi dejjem *col cenno di dopo*.

"Pero` t-test li ghandu jintuza minn min sejjer jiggudika, ma ghandux ikun biss test oggettiv li jsir a bazi ta' x'jaghmel *a reasonable man* fic-cirkustanzi, izda ghandu jkun test soggettiv, fejn il-gudikant togat ipoggi lilu nnifsu fiz-zarbun tal-imputat, mghobbi bil-partikolaritajiet kollha li l-imputat kien suggett ghalihom fil-perijodu mertu tal-proceduri, sabiex b'hekk jara, jekk suggettivament, l-imputat (i) f'dak il-waqt u f'dawk ic-cirkostanzi setax possibilment jaghraf x'alternattivi kellu, u f'kaz li t-twegiba ghal (i) tkun fl-affermattiv, jekk (ii) setax isib gewwa fih dak il-kuragg necessarju sabiex jutilizza tali alternattiva.

"L-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali ma jiskattax jekk it-twegiba ghaz-zewg kriterji *supra* imsemmija jkunu fl-affermattiv.

"Fil-kaz odjern, ma hemmx dubbju li l-esponenti ma kellux il-*forma mentis* necessarja sabiex jaghraf l-alternattiva ghalih li jsib il-kurragg necessarju sabiex jutilizza l-alternattiva li kellu, jekk alternattiva/i kienet/u tezisti/jezistu. L-imputat bhal ma xehed Dr. Spiteri kien afflitt minn problemi psikologici ferm qabel ma beda jsofri l-koerzjoni imposta fuqu mit-terzi. Huwa in vista ta' dan l-antecedent, li l-forza barranija ezercitata fuqu, tirrendi u tissoda l-fatt li l-forza barranija li ghex l-esponenti kienet wahda *unresistable* ghalih[7].

"Turija bi prova kemm Gorman a Portelli, flimkien ma' Alex l-Ingliz kellhom kontroll fuq l-esponenti billi jbezzghu, temergi mill-atti processwali rigwardanti incident li sehh fil-habs stess pendenti dawn il-proceduri.

"L-ispizjar Mario Mifsud xehed nhar 14 ta' April 2003 u pprezenta dok MM. Folio tlieta ta' dan id-digriet jghid testwalment:

"'Dr. Caruana Curran on behalf of Jeffrey Savage informed the Court that her client was threatened by defendant Glenn Andrew Gorman at Corradino Correctional Facility where they are both being detained.

The Court orders that the Director of Corradino Correctional Facility be notified of this incident.

[aktar l-isfel]:

---

[7] U dana fid-dawl tal-fatt li dokumenti ta' I-isptar San Luqa vide dok 151 li jirrisali ghad-29/12/99, apparti x-xhieda ta' Dr. Spiteri juru kif l-esponenti tant kien psikologikament hazin Ii H zmien qahel i1-kaz kien ukoll jipprova jikkometfi suwicidju

Furthermore Jeffrey Savage has stated on oath that he was threatened by Glenn German at CCF.'

"Issa meta Glen Andrew Gorman xehed nhar it-3 ta' April 2003 u sarlu l-kontro-ezami minn Dr. Emmanuel Mallia, l-istess avukat fil-vesti tieghu ta' ufficjal tal-Qorti u anke bhal difensur tal-esponenti, staqsa lil Glen Gorman jekk meta huwa kien il-Habs kienx iltaqa' quddiem il-*lawyers' room* fl-istess Facilita` ma' Dr. Mallia u ma' l-esponenti u heddux. Naturalment, min huwa lest li jdawwar ghemilu fuq haddiehor, ma ghandu l-ebda skruplu biex jigdeb bil-gurament u jichad tali affermazzjoni u jdawwarha sabiex jiehu vantagg mis-sitwazzjoni. <u>Gorman sostna li huwa kull ma ghamel staqsa, b'ton ragjonevoli lil Savage ghalfejn kixfu</u> (sic!).

"Il-buon sens jiddetta li t-traffikant jhedded lix-xhieda li hemm kontra tieghu u mhux l-invers. Dan il-fattur cioe` ta' theddid anke fil-bini tal-Habs fil-presenza ta' Dr. Mallia, fil-konfront ta' l-imputat, bir-rispett, ma nghatax il-piz necessarju tieghu, mill-Ewwel Qorti.

"Ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi li dana l-artikolu hawn citat isib konfort fil-provi li jaghtuh raguni ghalfejn huwa agixxa bil-mod kif agixxa, u di piu` huma l-istess provi li sal-bazi tal-livell tal-prova mistenni mid-difiza cioe` l-probabbli, l-esponenti pprova tali linja difensjonali u ghaldaqstant ma setax jinstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

"L-esponenti jishaq li bir-rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghraf u taghrbel l-importanza tad-depozizzjoni ta' Dr. Joseph Spiteri, Dr. Joseph Saliba u Dr. Ivan Scicluna, fid-dawl tal-gurisprudenza.

"Ma huwiex gust li Qorti tikkummenta li l-esponenti abbuza mid-*depression* tieghu sabiex iressaq 'il quddiem linja difensjonali. Tali *depression* ma ngabitx bhala skuza, izda in lineja mal-gurisprudenza, fejn jigi mghallem li persuna tista' tkun aktar vulnerabbli minn *'a sober person of reasonable firmness'* u dana minhabba l-kondizzjoni medika taghha.

"Huwa f'dan il-kuntest li jrid ikun evalwat jekk Jeffrey Savage setax qatt jirrezisti din il *coercion* fuqu imposta minn terzi persuni.

"Huwa f'dan id-dawl li r-ragunar ta' Jeffrey Savage jrid jinftiehem, jinqara u jigi mgharbel.

"L-izball li ghamlet l-Ewwel Qorti kien proprju li hija telqet mil-presuppost li *depression* ma hijiex forma gravi ta' debilita` mentali li taffettwa l-hsieb tal-bniedem u qisietha daqs li kieku kienet xi ugiegh ta' ras kurabbli b'zewg panadols.

"Il-Blackstone meta jaghrbel il-gurispreduzna Ingliza jishaq is-segwenti:

"'**Duress**: In the case of duress, psychiatric evidence may be admissible to show that an accused was suffering from some mental illness, mental impairment or recognized psychiatric condition, if persons generally suffering from such a

condition might be more susceptible to pressure and threats, and thus to assist the jury in deciding whether a reasonable person with such a condition might have been impelled to act as the accused had. Psychiatric evidence is not admissible simply to show that an accused not suffering from such a condition, was especially timid, suggestible or vulnerable to pressure and threats (Walker [2003] EWCA Crim 1837).

'Concerning the defence of duress by threats, expert evidence is admissible for the purposes of the subjective limb of the test provided that the mental condition or abnormality in question is outside the knowledge and experience of laymen, but inadmissible for the purposes of the objective limb (Hegarty, [l994lCrim LR 353;cf. Horne [19941 Crim LR 584 and Hurst [19951 1 Crim App R 82).[8]

'**The Cogency of the Threat**

'There remains the difficult question of what characteristics other than age and sex can exceptionally be relevant. In *Bowen* Stuart-Smith LJ gave some examples in his second principle (at p.379) whereby:

'... the defendant may be in a category of persons who the jury may think less able to resist pressure than people not within that category. Obvious examples are age, where a young person may well not be so robust as a mature one; possibly sex, though many women would doubtless consider they had as much moral courage to resist pressure as men; pregnancy, where there is added fear for the unborn child; serious physical disability, which may inhibit self protection; recognised mental illness or psychiatric condition, such as post traumatic stress disorder leading to learned helplessness.

'Putting aside age, the true relevance of most of these it is submitted lies in the fact that they increase the gravity of the threat rather than reducing the courage or steadfastness of the accused. A threat of physical violence to a pregnant woman is much more serious because of the vulnerability of the child in the womb. Similarly, physical violence to a physically disabled person is more serious and likely to result in more serious harm if there is reduced ability to defend oneself or ward off blows. On this basis, the mention of 'recognised mental illness or psychiatric condition, such as post traumatic stress disorder', which seems to refer to conditions rendering sufferers 'more susceptible to pressure and threats' (see the fifth principle described in the judgment of Stuart-Smith LJ at p. 379) may be thought problematic since it conflicts with the basic premise of the objective test of a person of reasonable firmness. However, it is clear that the courts will accept post-traumatic stress disorder as a relevant characteristic (see *Sewell* [20041 EWCA Crim 2322) and in *Antar* (2004) *The Times*, 4 November 2004 the evidence of a psychologist as to the appellant's level of suggestibility should, in the Court of Appeal's view, have been put before the jury since it was not merely put 'on the basis of the appellant's very low IQ, but on the basis of the psychologist's opinion that he functioned cognitively at a significantly impaired level; that he had a moderate (now a mild) learning disability; and importantly,

[8] Blackstone's Criminal Practice (2011), P10.11, p. 2479.

that he had a level of suggestibility' sufficiently higher than that of the general population'. The decision in *Antar* seems to be a fairly generous application of the fifth principle in *Bowen*, which is as follows.

'Psychiatric evidence may be admissible to show that the accused is suffering from some mental illness, mental impairment or recognised psychiatric condition provided persons generally suffering from such condition may be more susceptible to pressure and threats and thus to assist the jury in deciding whether a reasonable person suffering from such a condition might have been impelled to act as the defendant did. It is not admissible simply to show that in the doctor's opinion an accused, who is not suffering from such illness or condition, is especially timid, suggestible or vulnerable to pressure and threats...

'Vulnerability to pressure and threats is not of itself relevant unless, it seems, the accused belongs to a particular category of persons recognised as so vulnerable and this inevitably puts pressure on the criteria for recognising such a category, whether they be medical or otherwise.

'The reference to a 'sober' person of reasonable firmness makes it plain that intoxication cannot be a relevant characteristic. Intoxication is of course normally self-induced (*quare* whether involuntary intoxication might be relevant) and in *Flatt* [1996) Crim LR 576 it was held that other self-induced conditions, such as being a drug addict, are excluded.

'The immediacy of the threat and the possibility of seeking official protection are matters which the Court of Appeal said, in *Hurst* [1995] 1 Cr App R 82, require more attention to be paid to them. These matters were considered in *Hudson* [19711 2 QB 202 and the court there declined to lay down any hard and fast rules other than to say that:

'It is essential to the defence of duress that the threat shall be effective at the moment when the crime is committed. The threat must be a 'present' threat in the sense that it is effective to neutralize the will of the accused at that time.

'... the existence at that moment of threats sufficient to destroy his will ought to provide him with a defence even though the threatened injury may not follow instantly, but after an interval...

'In the present case [of perjury] the threats ... were likely to be no less compelling, because their execution could not be effected in the court room, if they could be carried out in the streets of Salford the same night.

'Whether the accused could be expected to take any opportunity of rendering the threat ineffective in the meantime by, for example, seeking police protection was a matter for the jury and:

‘In deciding whether such an opportunity was reasonably open to the accused the jury should have regard to his age and circumstances, and to any risks to him which may be involved.’[9]

“Ghaldaqstant l-esponenti jishaq li din il-linja difensjonali hija applikabbli ghall-kaz tieghu.

“Tant l-agir tat-terz barrani kien kbir fuqu, li effettivament, skond ma jikkonferma s-social inquiry report redatt u misjub fl-atti, li l-istess Jeffrey Savage, ghaxar snin wara l-incident *de quo*, ghadu s’issa jbati minn din il-kondizzjoni medika.

“F’dan l-isfond, l-esponenti minn issa jirriserva l-pozizzjoni tieghu li fl-istadju orali ta’ dan l-appell jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-imsemmija tobba, ilkoll meqjusa bhala esperti fil-kamp psikjatriku, jergghu jingiebu sabiex iwiegbu ghal kull kwezit li jista’ jkollha s-Sinjurija tal-Qorti f’dan ir-rigward.”

**18.** Il-linja difensjonali hawn sollevata mid-difiża hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jiġifieri, li wieħed ikun sforzat, jiġi mġiegħel, biex jagħmel xi ħaġa kontra l-volonta` tiegħu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jagħmel. Il-liġi tagħna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjaħ din il-koerzjoni bħala “forza barranija”, jiġifieri trid tkun xi ħaġa, forza jew koerzjoni ġejja minn ħaddieħor kompletament indipendenti minn min jagħmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li ċertament u neċessarjament għandha tkun preżenti fil-waqt li din il-vittma ta’ dik il-forza tkun qed tagħmel xi att materjali, xi delitt, u mhux ġejja minn xi żmien qabel biss.

**19.** Fil-każ in eżami m’hemm ebda kontestazzjoni li fit-28 ta’ Jannar 2003 l-appellant ikkommetta l-att materjali ta’ pussess aggravat ta’ ecstasy. Li qed jikkontesta hu li f’dak li għamel, u fil-mument li ghamlu, kien nieqes fih l-element intenzjonali u allura ma setax jinsab ħati. L-appellant qed jgħid li ma kellux l-intenzjoni kriminuża għaliex skond il-liġi, in bażi ta’ l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 iċ-ċirkostanza msemmija tal-forza barranija telimina għal kollox din l-intenzjoni. U b’hekk ma kellu ebda responsabilita` kriminali.

**20.** Issa, jekk bniedem minaċċjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista’ jeħles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta’ dik il-minaċċja, u hu, iżda, jonqos milli jagħmel użu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista’ jiġi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f’xi każ partikolari, fejn bniedem qed iħossu jew qed jigi mhedded gravement b’xi forza barranija, jekk teżisti l-possibilita` li b’xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tiegħu jistgħu jiġu newtralizzati, allura, hu għandu l-ewwelnett japprofitta ruħu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jagħmilx hekk u

[9] Ibid. A3.23, p. 46-48

jesegwixxi l-att li qed jiġi mġiegħel li jagħmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-każ ir-responsabilita` kriminali tiegħu ma tkunx eskluża u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax.

**21.** Din il-kwistjoni ta' koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta' ċirkostanzi, ta' fatti li jemerġu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvinċu lil min għandu jiġġudika, imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li għamel l-att kriminanti ma setax, fiċ-ċirkosanzi li sab ruħu fihom, jeħles minn dik il-forza barranija bla ebda mod ieħor ħlief billi jagħmel dak li kien imġiegħel li jagħmel, cioe` ma kellux alternattiva oħra kif jista' jeħles minn dik il-forza barranija.

**22.** L-ewwel Qorti kkunsidrat din il-kwistjoni u ma laqgħetx l-eċċezzjoni tal-koerzjoni. Hija qalet hekk:

> "Illi d-difiza targumenta li dak li ghamel l-imputat ghamlu minhabba l-biza' li kellu minn Portelli u Gorman. Id-difiza ressqet xhieda mill-kamp mediku u kif ukoll lil ex-partner tal-imputat stess li xehdu rigward l-atteggjament tal-istess imputat. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-imputat kien, f'xi zmien, ghaddej minn perjodu ta' depression. Pero` minn qari tax-xiehda moghtija mill-imputat jirrizulta kif l-imputat konvenjentement jaqbez minn haga ghall-ohra u jhalli dettalji barra u jipprova b'xi mod jew iehor jiggustifika dak li jkun qal u li ma jkunx ghamel sens. Il-Qorti tistaqsi: jekk kull ma ried l-imputat huwa li jaghmel kollox biex ikun jista' jiehu c-cavetta tal-flat in kwistjoni, allura ghala ma qabadx u biddel is-serratura ladarba huwa kellu spare key? Ta' min wiehed ifakkar li filwaqt li l-ewwel l-imputat jghid li ma kellux cavetta, aktar tard jghid li kellu cavetta ohra. L-imputat jixhed: "Ovvjament kelli cavetta spare key"[10] . Kieku l-imputat ma kellux cavetta ohra, kieku ma kienx jaqbad u jidhol fil-flat u jsib id-droga li jghid li sab! L-imputat ta s-segwenti raguni ghala ma qabadx u biddel is-serratura: "mela jiena rrabjajtu lil dan il-persuna ghax qedtlu [ghidtlu] li naf nikxfu mal-ligi, mal-awtoritajiet, number two mort tajtu t-telephone number ta' dak il-persuna Malti li rrabja mieghi, u mbaghad biex inkissirlu mohhu zgur u jirrabja iktar ghalija ma nafx x'kapaci jaghmlu dan it-tip ta' nies immur nibdillu s-settatura, allura pruvajt nehles bil-kwiet minn maghhom jien".[11] Ta' min wiehed jinnota wkoll li minkejja li l-imputat ma ried jaghmel l-ebda rapport lill-Pulizija xorta ghazel li jikxef u jiddenunzja lil Portelli u lil Gorman, u jghid li dan ghamlu ghax kien taht idejn il-Pulizija u ma kellux alternattiva.[12] Apparti minn dan, l-imputat ikkonferma li huwa biddel il-packing billi tefa' l-pilloli go envelope tal-karti kannella[13] u mitlub jispjega r-raguni ghala hass il-htiega li jaghmel hekk, wiegeb: "Ma nahsibx li ha nidhol ir-Radisson hekk f'idi".[14] Aktar qabel l-imputat xehed hekk: "qaluli hemm xi borza, basket tal-plastic fejn Australia Hall li jinsab go Pembroke qalli ppikkjaha minn hemm u nizzilha r-Radisson. Issa jien mort

[10] A fol.338.
[11] A fol. 338-339.
[12] A fol. 340.
[13] A fol. 340.
[14] A fol. 341.

> hemmhekk, ippikjajt li kien hemm".[15] Ghall-mistoqsija jekk kienx jaf x'kienet, iwiegeb: "Ma kontx naf x'fihom jien ifhem dan il-basket tal-plastic, jien just ippikjajt il-borza sewwa".[16] Allura jekk l-imputat ma kienx jaf x'kien fih dan il-basket, x'kienet il-htiega li joqghod ipoggihom go envelope kannella?! Meta l-imputat rrealizza li dak li kien qed jghid ma kienx qed jaghmel sens, ghall-mistoqsija tal-Qorti: "Jigifieri inti kont taf li se tmur tigbor id-droga u ghamiltha biex tiehu lura c-cavetta?"[17], l-imputat wiegeb: "ehe, u biex ihalluni fil-paci, ihalluni fil-paci essagg jiena I mean".[18] Il-Qorti tinnota li din tal-coercion hija biss semplici skuza sabiex l-imputat ifarfar minn fuq spalltu r-responsabbilita` tieghu. Jirrizulta li l-imputat, b'mod mill-aktar sfaccat, uza l-fatt li kien hemm xi zmien li kellu depression sabiex jghatti dak li ghamel taht dan il-paraventu."

**23.** Din il-Qorti, wara li eżaminat ix-xiehda ta' l-appellant, tgħid li taqbel ma' l-l-ewwel Qorti li d-difiża tal-*coercion* ma kellhiex tiġi milqugħa. Mill-banda l-oħra, wara li eżaminat ix-xiehda tat-tobba u ta' l-ex-partner tiegħu, tifhem li l-appellant Savage seta' spiċċa fi stat ta' aġitazzjoni anke minħabba l-passat mediku tiegħu u wasal biex m'għamilx l-aħjar għażliet, inkluż li, bħal ma jsostni, jibqa' jiġri wara Gorman b'diversi telefonati għaċ-ċavetta ta' l-appartament biex, mingħalih, jaqta', meta hu kellu ċavetta u ma kien hemm xejn x'iżommu milli jbiddel is-serratura ġaladarba l-appartament kien żvojtat minn kull ħaġa appartenti lil terzi. Tifhem li jekk kien hemm it-theddid li semma dan kien ta' inkwiet għalih, iżda kien sarlu żmien qabel u kellu diversi alternattivi li seta' juża biex jaqta' minn ma' Gorman u Portelli. Mela jekk din il-Qorti taċċetta bhala veritjer dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti u li kien hemm xi forma ta' "forza barranija", żgur li ma kinitx forza barranija li kienet *"unresistable"*, irrispettivament minn kwalunkwe theddida li setgħet saritlu meta kien il-ħabs. Konsegwentement id-difiża tal-*coercion* ma tistax tiġi milqugħa.

**24.** Aggravju ieħor ta' l-appellant Savage jirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli f'dan il-każ bl-artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jissottometti:

> "Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, dan -aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li meta persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.
>
> "Illi hija l-fehma tal-esponenti, li filwaqt li l-esponenti jifhem li l-artikolu citat jhalli ghas-savju gudizzju tal-imhallef togat kif ikun u kemm tkun it-tnaqqis tal-

[15] A fol. 320.
[16] A fol. 320.
[17] A fol. 322.
[18] A fol. 322.

piena, l-istess esponenti jikkontendi li f'dan il-kaz kien jimmerita l-applikazzjoni ta' tnaqqis b'zewg gradi ai fini ta' piena ta' prigunerija, kif ukoll tnaqqis b'nofs tal-piena pekunjarja.

"Bl-akbar dovut rispett l-esponenti ma jaqbel xejn mad-decizjoni tal-Ewwel Qorti, illi l-esponenti ha l-pedana tax-xhieda kontra t-terzi maqbuda wara 1-controlled delivery li saret unikament bis-sahha tieghu sabiex "jiddenunzja b'mod inveritier persuna lill-awtoritajiet kompetenti".

"Il-Pulizija Ezekuttiva saret taf  b'Gorman u Portelli propiju ghax kixifhom l-esponenti.

"Jekk l-esponenti kien is-supplier x'qatt wassal lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixli bil-mod kif ghamel lil Gorman u Portelli? Judicial notice ta' dan il-fattur ma ttehidx a detriment tal-esponenti.

"Jistaqsi l-appellant jekk huwa kien il-vera supplier tad-drogi lil dawn it-tnejn min-nies, ghalfejn fuq il-persuna taghhom (Gorman u Portelli) fil-mument tal-arrest taghhom, instabet sample tad-droga hekk kif kien talabhom biex igibu maghhom l-esponenti (skond l-istruzzjonijiet li l-Pulizija kienet taghtu fil-bidu tal-controlled delivery)?

"Ix-xerrej joffri sample tal-prodott li persuna li minghandha jixtri l-materja prima? Id-dulcier jaghti sample ta' zokkor lis-supplier tieghu taz-zokkor? Sid pompa tal-petrol jaghti sample ta' fuel lill-Enemalta qabel ma jordna l-fuel minghandha? L-ezempji huwa illimitabbli f'dan ir-rigward, pero` zgur li fil-hajja kulhadd jaf li min ikollu l-prodott ghal bejgh joffri sample lix-xerrej sabiex isservi bhala prova tal-genwinita` u tjubija tal-prodott li huwa qieghed jbiegh!

"Ic-crieki tad-droga jahdmu fuq principju baziku tal-ekonomija legali, fejn il-prezz tal-prodott jkun stabbilit skond id-domanda li jkun hemm ghall-istess prodott (demand and supply). L-istess crieki ghandhom ukoll l-istess fatturi u sfidi li 1-kummerc legali jaffaccja cioe` kompetizzjoni bi slashing ta' prezzijiet.

"Il-bejjiegh tad-droga huwa ukoll, bhala bejjiegh tal-haxix joffri sample lix-xerreja tieghu qabel ma jixtru propiju sabiex juru l-genwinita` tal-prodott.

"Fil-kaz odjern min kellu s-sample fil-hin tal-controlled delivery? L-esponenti jew Gorman u Portelli?

"It-twegiba hija: Gorman u Portelli kellhom is-sample (vide folio 91 u 116) u mhux l-esponenti.

"Li l-esponenti talab lil Gorman u lil Portelli ghas-sample, meta huwa cemplilhom sabiex jiltaqghu ghal controlled delivery minghajr ma kienu jafu huwa fattur inkontestat. Gorman jikkonferma kif huwa gie nfurmat mill-Pulizija li t-telefonata li ghamel l-esponenti lilu (cioe` li Savage ghamel lil Gorman u

Portelli) giet mismugha mil-Pulizija. L-AC Harrison jikkonferma li l-controlled delivery kienet success grazzi ghall-esponenti.[19]

"Ghaldaqstant l-esponenti, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fl-aggravji precedenti, jitlob li f'kaz li l-aggravji koliha precedenh jkunu respinti u tigi kkonfermata sejbien ta' htija taht xi imputazzjoni, li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta res applikabbli permezz ta' 1-artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31, jkun applikat f'zewg gradi."

**25.** Evidentement l-ewwel Qorti ma emmnitx li l-ecstasy li nstab fuq l-appellant Savage kien ġie provdut minn Gorman u Portelli. Huwa ċert, pero`, li kien l-appellant Savage li wassal lill-Pulizija biex isibu droga fil-pussess ta' dawn Gorman u Portelli bis-saħħa tal-*controlled delivery* li saret. Għalhekk għal dan il-fatt biss għandu jkun hemm tnaqqis fil-piena.

**26.** Aggravju ieħor jirrigwarda l-piena. L-appellant jgħid:

"L-esponenti umilment jikkontendi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, li l-piena nflitta fuqu kienet wahda eccessiva u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. It-trapass taz-zmien mill-jum tal-allegat kommissjoni tad-delitt u cioe` trapass ta' seba' snin;
2. Il-fattur li l-esponenti llum il-gurnata biddel hajtu kompletament;
3. ll-fattur li huwa ppartecipa bis-shih fi controlled delivery maghmula skond il-ligi;
4. Il-fattur li huwa xehed, qabel ma l-proceduri kontra tieghu kienu gew konkluzi, kontra terzi;
5. Il-fattur li l-Ewwel Qorti donnu jidher li applikat l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali bejn l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet u applikat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, meta legalment kellu jkun applikat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali ghar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni fil-konfront tar-raba' imputazzjoni u dana skond il-hsieb legali tal-Qrati nostrana, senjatament tal-Qorti Kriminali;
6. Il-fattur li l-esponenti dejjem inghata permessi varji sabiex huwa jsiefer minn Malta matul il-proceduri u dejjem obda l-kondizzjonijiet kollha mposti fuqu;
7. Il-fattur li l-esponenti pendenti l-proceduri qatt ma kkommetta xi reat iehor u wisq anqas gie mixli b'xi reat iehor, fosthom falza testimonjana fi-proceduri kontra Gorman u Portelli.
8. Il-principju justice delayed is justice denied ma giex applikat fil-kaz odjern.
9. Lanqas ma gie ritenut kont tal-fatt li bl-ewwel sejbien ta' htija tal-esponenti fuq hames imputazzjonijiet, l-esponenti kien inghata hames snin prigunerija u issa li huwa nstab hati biss ta' imputazzjoni wahda, l-esponenti gie moghti piena ta' tliet snin u sitt xhur!"

[19] Vide AC Neil Harrison folio 18 u 19

**27.** Filwaqt illi din il-Qorti tosserva illi l-paragrafi (b) u (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx applikati mill-ewwel Qorti peress illi mhumiex applikabbli stante li l-appellant Savage nstab ħati ta' imputazzjoni waħda biss, jiġi notat li dan il-każ jirrisali għas-sena 2003. Il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant turi li minn dak iż-żmien baqgħet nadifa. Inoltre, kif ingħad, l-appellant Savage ħa sehem f'*controlled delivery* li ħalla l-frott. Meħud kollox in konsiderazzjoni għalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

**28.** L-aħħar aggravju jirrigwarda l-ordni ta' konfiska. L-appellant jgħid:

> "Illi 1-konfiska tal-proprjeta` mobbli u immobbli ghal persuni hatja skond kif gie misjub hati l-esponenti, a tenur tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta temergi mill-artikolu 120A(2B). Dan l-artikolu jaghmel riferenza ghall-applikabilita` tal-artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Illi 1-artikolu 22(3A) tal-Kap. 101, gie mizjud permezz ta' l-artikolu 38 ta' l-Att XXXI tas-sena 2007, fejn in konsegwenza ta' tali emenda, seta' jsir l-ordni ta' konfiska tal-prorjeta` tal-hati quando si tratta ta' pussess aggravat - bhal ma huwa l-kaz odjern.
>
> "Dan jfisser fil-prattika li l-ordni ta' konfiska mizjud fuq l-esponenti flimkien mal-piena, huwa leziv tal-fatt li huwa gie moghti piena li l-legislatur ma kkontemplax fiz-zmien li sehh dan id-delitt.
>
> "Ghaldaqstant dik il-parti tas-sejbien ta' htija tal-esponenti fejn gie impost fuqu l-ordni ta' konfiska ma setghetx tigi imposta stante li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2003, u l-emenda relattiva giet introdotta permezz tal-artikolu 38 tal-Kap. XXXI tas-sena 2007.
>
> "Il-gurisprudenza in materja ta' din it-talba hija wahda kopjuza u univoka in sostenn ta' dan l-aggravju. Fosthom u mhux biss is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Sede superjuri fl-ismijiet Ir-Repubbilka ta' Malta v. Joseph Mifsud deciza nhar 10 ta' Settembru 2010."

**29.** Hawn din il-Qorti fil-fatt se tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Settembru 2010 minn din il-Qorti (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Mifsud** fejn l-appellant Mifsud kien f'dak il-każ ukoll ilmenta mill-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra ta' l-appellant. Il-Qorti qalet hekk:

> **"25. Kwantu ghall-ordni ta' konfiska ta' flejjes u proprjeta` mobbli u mmobbli ohra, l-appellant ghandu ragun. Issa, permezz ta' l-artikolu 38 ta' l-Att XXXI tas-sena 2007 gie mizjud paragrafu iehor fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A tal-Kap. 101 u li jaqra hekk:**

***"'(e) tkun hatja tar-reat ta' pussess ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati.'***

**"Jigifieri l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 illum jirreferi anke ghas-sitwazzjoni kontemplata fl-imsemmi paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A. Il-kaz in ezami, pero`, jirrisali ghal Novembru 2004 u ghalhekk l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern. B'hekk ma setghetx tigi ordnata l-konfiska wkoll tal-flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra ta' l-appellant skond l-imsemmi artikolu 22(3A)(d)."**

**30.** Dak li ntqal fl-imsemmija sentenza japplika għall-każ in eżami u għalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant Savage se jiġi milqugħ.

**31.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lil Jeffrey Savage għal perijodu ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4000) u minflok tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġujnerija u għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef euro (€3,000), tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern "tal-proprjeta', mobbli jew immobbli, ta' l-imputat li taghhom kien proprjetarju qabel it-28 ta' Jannar 2003 u dana skond it-talba tal-Prosekuzjoni datata 14 ta' Frar 2003", u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.